# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 21 ta' April 2025**

**Rikors Revoka Nru: 76/2025**

**Fl-atti tal-Mandat tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 307/2025 fl-ismijiet:**

**Adventure, Camping and Leisure Ltd (C 15489)**

**vs**

**Malcolm Cassar (K.I. 320696M)**

Ra r-rikors ta' Malcolm Cassar datat 13 ta' Marzu 2025[1], permezz ta' liema huwa talab ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi bin-numru 307/2025 u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra d-digriet tiegħu tat-18 ta' Marzu 2025[2], maħruġ ai termini tal-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-istess digriet, ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ għall-11 ta' April 2025.

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 18 *et seq* tal-proċess

Ra li s-soċjetà sekwestranti ma ħejjitx risposta fit-terminu mogħti.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-11 ta' April 2025[3] meta nstemgħet it-trattazzjoni finali dwar ir-rikors u l-istess tħalla għad-digriet *in camera* li qiegħda jingħata llum.

Ra l-atti kollha, inkluż tas-sekwestru relattiv u tal-proċeduri fl-ismijiet premessi, bin-numru 267/2024, li qegħdin preżentement pendenti quddiem dan il-Bord kif presedut.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawżali dedotta fil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi bin-numru 307/2025, maħruġ minn dan il-Bord fil-24 ta' Frar 2025 tindika somma ta' tlettax il-elf Ewro (€13,000) u dan għall-ammont ta' penali ta' tletin Ewro kuljum, skond skrittura bejn il-partijiet. Ma dak il-mandat, ġew ukoll imressqa proċeduri appożita (li huma pendenti quddiem dan il-Bord kif presedut), li għandhom in-numru 267/2024. F'dik il-kawża, apparti kwistjonijiet konċernanti żgumbrament, is-soċjetà eżekutanti talbet ukoll il-likwidazzjoni u ħlas tal-penali msemmija.

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri issa, s-sekwestrat qiegħed jitlob it-tħassir tal-mandat relattiv bl-utilizzar ta' sub-artikolu **wieħed** u ċioé l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid li dan il-mandat m'huwiex ġustifikat għaliex l-iskrittura ma ġietx iffirmata minnu (dan il-Bord fehem li skond hu, l-iskrittura ġiet iffirmata minn ommu) u b'mod sussidjarju li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv.

[3] Verbal relattiv jinsab a fol 22 tal-proċess.

1) **Prinċipji Ġenerali dwar l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi huwa ben risaput li l-eżami li għandu jsir fil-proċedura hawn utilizzata huwa wieħed stringenti u jitlob biss eżami *prima facie*. M'huwa mħolli qatt lil xi awtorità ġudikanti li fi proċedura bħal din tidħol fil-mertu tal-kwistjoni għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tirfes b'mod mhux għaqli fuq il-kwistjoni vera li tkun għada qiegħda tiġi dibattuta[4]. B'żieda ma dan, huwa dmir tas-sekwestrant li jindika liema waħda (jew iktar) mis-sitt ċirkostanzi maħsuba fil-liġi jkunu

[4] Fost diversi, issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs Office Group Limited**, (Rik Nru: 1183/2014) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' April 2015 fejn intqal hekk: "*Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs Govè et" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li tridtagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dantenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il- proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.* Similment kien ukoll ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Gové *et*,** (Rik Nru: 286/2001) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Mejju 2001 u ċioé li: *Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess jinghad ukoll li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna lezitu finali tal-kawza proprija. Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bilprocedura premessa, ovvjament ghandha thalli filgudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001).*

jifformaw il-bażi tar-rikors bħal dan, b'mod li l-ġudikant għandu joqgħod biss ma dik il-kawżali magħżula[5].

2) **L-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi kif rajna, dan huwa l-uniku artikolu utilizzat mis-sekwestrant. L-argument prinċipali tiegħu huwa li ma teżisti l-ebda relazzjoni mas-soċjetà sekwestranti. Dan il-Bord għandu quddiemu wkoll l-atti tal-kawża proprja, kif diġà ġie senjalat, u jistqarr li l-eċċezzjonijiet hemmhekk magħmula ma jinkludux l-eċċezzjoni tal-leġittimu kuntradittur, iżda jiffokaw prinċipalment fuq l-aspett ta' kompetenza.

Illi instab li ġeneralment[6], kwistjonijiet ta' min hu leġittimu kuntradittur, m'għandhomx jiġu deċiżi waqt proċeduri fejn il-kejl huwa wieħed mad-daqqa

[5] Fost oħrajn, issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Charles De Giorgio Limited vs Perit Christian Spiteri,** (Rik 1515/2001/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Awwissu 2023 fejn ġie mfakkar hekk: *"Qorti ma tistax minn rajha tissupplixxi rimedju f'dan il-każ fuq kawżali li r-rikorrent innifsu ma jitlobx".* Rilevanti wkoll huwa d-digriet fl-ismijiet **Av. Adrian Attard *noe* vs Central Marine Limited,** (Rik Nru: 808/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Settembru 2021.
[6] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismiijet **Western Company Limited vs Anthony Lia *et*,** (Rik Nru: 704/20) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2020 fejn ingħad hekk: "*Illi l-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat Anthony Lia huwiex jew le il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet ta' Western mhijiex ħaġa li l-Qorti trid tqis fi proċedura bħal din. Aktar u aktar meta joħroġ li l-kawża li fetħet Western fetħitha kontrih ukoll, u dak il-fatt huwa biżżejjed għal din il-Qorti fl-eżami li trid tagħmel biex tistħarreġ is-siwi ta' talba għat-tħassir tal-Mandat. Hija l-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża li se tkun f'qagħda mill-aħjar li tqis din il-kwestjoni fil-waqt xieraq u din il-Qorti ma għandha tagħmel jew tgħid xejn li bih id dik il-Qorti tista' tintrabat qabel ma hija tisma' u tqis xi provi għandhom xi jressqulha l-kontendenti f'dak ir-Rigward".* Issir referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet **Dr. Tonio Fenech *noe* vs Dr. Patrick Spiteri *pro et noe*,** (Rik Nru 253/2017) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Mejju 2017 fejn ingħat hekk: *"Illi l-Qorti tibda biex tqis li fil-kawża miftuħa mill-eżekutant, l-eżekutat ukoll tħarrek fil-kwalita' tiegħu personali. Il-kwestjoni dwar jekk l-eżekutat messux tħarrek fil-kawża f'dik il-kwalita' tqajmet f'waħda mill-eċċezzjonijiet tal-istess eżekutat u din il-Qorti għadha trid tiddeċidiha. Li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat f'dan l-istadju u għar-raġuni msemmija minnu, kienet tkun qiegħda turi minn issa l-fehma tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni. Dan ukoll huwa ta' xkiel biex it-talba tal-eżekutat tista' tintlaqa';"*

t'għajn, bħal ma huma dawn il-proċeduri, iżda għandhom jiġu mistħarrġa u deċiżi waqt is-smiegħ tal-proċeduri fil-mertu[7].

Illi l-kawża nfetħet kontra s-sekwestrat[8] u *prima facie* biss, mill-iskrittura li tifforma l-bażi tal-proċeduri, jirriżulta li l-partijiet kienu s-soċjetà min-naħa u s-sekwestrat min-naħa l-oħra. Dan m'huwiex każ fejn il-kawża tkun infetħet kontra xi ħadd ieħor u s-sekwestrat ikun tħalla barra fil-proċeduri fil-mertu. Naturalment, li kieku nstab li l-proċeduri infetħu kontra xi persuna oħra u mhux kontra s-sekwestrat, kienu mbagħad jidħlu kunsiderazzjonijiet oħra. Bl-istess mod, il-Bord kien jasal jaċċetta l-argument li kieku nstab li anke fuq il-livell ta' *prima facie* ma kienet teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika, iżda dan m'huwiex il-każ[9].

Illi għalhekk dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġi riġettat.

---

[7] Fost diversi issir referezna għad-digriet fl-ismijiet **Avukat John Refalo *noe* vs Calibre Consultants Limited *et*,** (Rik Nru: 607/2015) mogħt mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 t'Awwissu 2015 fejn ingħad hekk: *"Illi, b'żieda ma' dan, il-fatt li l-eżekutata ma tqisx lilha nnifisha bħala lkontraditttriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-eżekutanti ma jġibx b'daqshekk li l-ammont mitlub fil-Mandat huwa wieħed eċċessiv jew mhux mistħoqq mad-daqqa t'għajn".*

[8] Issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Josephine Micallef vs Louis Zammit *et*,** (Rik Nru: 2557/2000/2) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Lulju 2003 fejn ingħad hekk: *"L-ewwel argument sar mir-rikorrent Louis Żammit personalment, u fih hu jgħid li l-intimata ma kellha qatt toħroġ il-Mandat kontra tiegħu għaliex magħha ma kellux x'jaqsam fl-ebda ħaġa li dwarha qegħda tilmenta u ma kellux xejn x'iwieġeb personalment għax-xiljiet tagħha. Huwa jgħid li dan il-fatt jidher mad-daqqa t'għajn. Dan l-argument, fil fehma tal-Qorti, m'huwiex mistħoqq. Il-kwestjoni ta' jekk ir-rikorrent Żammit huwiex il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti huwa wieħed li jagħmel biċċa mill-eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti kompetenti waqt is-smigħ tal-kawża: m'hux eżerċizzju li jmissu jsir fi proċedura bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum. Għall-kuntrarju, jirriżulta lil din il-Qorti, li l-kawża mibdija mill-intimata eżekutanti saret kontra Louis Żammit personalment ukoll, u ma jidher xejn inġustifikat jew eċċessiv f'dan ir-rigward.*

[9] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Maria Dolores *sive* Doris Magro vs Leonard Vella *pro et noe*,** (Rik Nru: 558/22) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Awwissu 2022. Issir referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet **Stephen Caruana vs Kurt Galea Pace *et*,** (Rik Nru: 1022/2017) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Marzu 2018.

Illi jifdal biss il-kwistjoni dwar jekk l-ammont huwiex wieħed eżaġerat. Irid jingħad li għad li dan jissemma fir-rikors, fit-trattazzjoni mwettqa fis-seduta tal-11 ta' April 2025, ma sar l-ebda aċċenn għal din l-aħħar parti ta' din il-kawżali (mil-legali tas-sekwestrant).

Illi tajjeb jiġi mfakkar li l-kejl li għandu jittieħed taħt dan l-aspett huwa jekk mad-daqqa t'għajn jirriżultax li l-ammont huwa wieħed eżaġerat[10], iżda dawn it-tip ta' proċeduri ma jistgħux iservu sabiex jiġi rivedut dak oriġinarjament mitlub[11]. Bl-istess mod, is-sempliċi fatt li l-kawża titlob likwidazzjoni tad-danni (u mhux ammont diġà indikat), m'huwiex ta' xkiel sabiex jintalab il-ħruġ ta' mandat bħal

[10] Issir referenza għal dak li ntqal fid-digriet fl-ismijiet **Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea**" (Rik Nru: 336/2005) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Lulju 2005) u ċioé li *"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies ittħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u lieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares linteressi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li lintimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas . Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li l-ammont pretiż huwa mistħoqq jew li huwa għoli wisq, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontro-talba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru"*

[11] Kif qalet sew il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet fl-ismijiet **Taormina Holdings Limited vs Biochemical International Ltd,** (Rik Nru: 715/2003) mogħti fit-30 ta' Ottubru 2003: *"Fil-hrug ta' atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista jkun bizzejjed li minn qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jesistux l-estremi li trid il-ligi, skond ilprovedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex ilmandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat"*

dan[12]. Il-liġi ma tirrikjedix li min jixtieq ifassal att kawtelatorju irid ta' bilfors jispjega b'mod komplet[13] kif wasal għal dak l-ammont u li dan ikun sorrett bi provi dokumentarji[14]. Ukoll, kien l-oneru tas-sekwestrat li juri li l-ammont imsemmi fil-mandat huwa wieħed eċċessiv jew mhux ġustifikat[15]. Dak li għandu jiġi kkastigat huwa s-sekwestrant li jfajjar ammonti mingħajr ħjiel u rabta mar-realtà[16].

Illi s-soċjetà sekwestranti tagħti spjega tajba u rabtet sew l-ammont mitlub mal-pretensjoni tagħha. L-ammont ġie maħdum fuq klawżola ta' penali indikata fl-istess skrittura, ta' tletin Ewro kuljum (€30), bejn meta s-soċjetà tgħid li l-kirja ġiet mitmuma[17], sad-data tat-tressieq tal-mandat[18] (fejn l-ammont mitlub huwa sad-data tal-iżgumbrament eventwali, f'każ li toħroġ rebbieħa fil-kawża fil-

---

[12] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet **Anthony Muscat *et* vs Anthony Nicholl *et*,** (Rik Nru: 1120/2008), mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Awwissu 2009.

[13] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **M.I.M.S. Supplies Limited vs Ivan Calleja**, (Rik Nru: 1200/2008) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Jannar 2009 fejn ġie mfakkar hekk: *"Minn eżami u qari mqar mad-daqqa t'għajn tal-Mandat, joħroġ ċar li l-kawżali tal-intimata eżekutanti hija waħda ta' danni (da liquidarsi) reklamati fil-konfront tar-rikorrent. Għal din il-Qorti, dik it-tismija hija biżżejjed biex tagħti ħjiel dwar in-natura tal-pretensjonijiet tal-intimata filkonfront tar-rikorrent. M'hemmx għalfejn li min joħroġ Mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew talpretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd (jew pretensjoni) li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat li jkun."*

[14] Rilevanti hawnhekk dak li ngħad mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-provvediment fl-ismijiet **Karmena Callus *et* vs Dione Cassar *et*** (Rik Nru: 48/2014) mogħti nhar il-21 ta' April 2014 u ċioé li: "*Illi minbarra dan, kif tajjeb jgħidu l-eżekutanti, mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' Mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba"*

[15] Issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Natalia Maggi vs Edward Maggi,** (Rik Nru: 1710/2000/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Settembru 2020.

[16] Kif tajjeb ġie mtenni fid-digriet fl-ismijiet **Gerald Buhagiar et vs Mary Anne Axisa *et*,** (Rik Nru: 418/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2022 : *"Kif taraha din il-qorti, dak li m'għandux isir huwa li sekwestrant jivvinta ammont minn żniedu jew jaqbad u jsemmi ċifra bl-addoċċ fil-mandat li tkun għalkollox maqtugħa mir-realtà;"*

[17] L-aħħar ta' Marzu 2024.

[18] 24 ta' Frar 2025.

mertu). Il-Bord ma jsibx li l-ammont kawtelat huwa wieħed mhux ġustifikat jew eċċessiv.

Illi għalhekk anke dan l-argument qiegħed jiġi miċħud.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi jiċħad it-talbiet kollha mressqa mis-sekwestrat u dan għaliex il-Bord ma jsibx li r-raġunijiet msemmija minnu jwasslu għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru relattiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom minn Malcolm Cassar.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur